MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 108/2013

**A B**
**f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri M u N ahwa S skont digriet tal-Qorti tat- 2 ta' Jannar 2014.**

**vs**

**L-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-PL Madeline Firman b'digriet tad- 9 ta' Lulju 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti KS u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2014 gew estrometti il-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Dr Renzo Porsella Flores u il-PL Madeline Firman u KS assuma l-atti tal-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici pro et noe, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni extramatrimonjali bejniethom, liema relazzjoni giet terminata zmien ilu, u minnha twieldu l-minuri M u N ahwa S illi llum ghandhom disa` snin u seba` snin rispettivament, skond ma jirrizulta mill-Atti tat-Twelid relattivi, illi kopja taghhom qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. KM 1 u KM 2;
2. Illi wara li l-istess relazzjoni giet terminata, l-esponenti flimkien maz-zewgt itfal minuri taghha, baqghu jghixu gewwa Malta, kif del resto kienu diga ilhom jghixu hawn Malta, ghall-ahhar snin filwaqt illi l-intimat KS, li huwa ta’ nazzjonalita` Brittanika, baqa` jghix u jahdem gewwa r-Renju Unit;
3. Illi fil-fatt, l-intimat, filwaqt li huwa residenti gewwa r-Renju Unit, jinsab impjegat ma’ kumpanija fuq xoghol li jirrikjedi li jintbaghat jahdem f’pajjizi differenti kull tant zmien skont l-esigenzi tax-xoghol.
4. Illi nhar it-23 ta’ Frar 2012, inghatat Sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-atti tar-Rikors Guramentat Numru 170/2008 fl-ismijiet A B pro et noe vs L-Avukat Martin Fenech et noe, liema sentenza ma gietx appellata u fejn gie deciz, *inter alia*, illi l-kura u kustodja tal-minuri giet affidata konguntivament liz-zewg partijiet, filwaqt illi r-residenza ordinarja taghhom ghandha tibqa’ tkun ma’ ommhom ir-rikorrenti.
5. Illi l-imsemmija sentenza ddecidiet ukoll illi l-intimat missier il-minuri jkollu dritt ta’ access ghall-istess minuri, meta jkun qieghed prezenti Malta, nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis, mis-2.30 p.m. sas-6.00 p.m. u fi-tmien il-gimgha, fuq bazi alternanti, mis-Sibt fl-10.00a.m. sal-Hadd fis-6.30 p.m., u mill-Gimgha fis-2.30 p.m. sas-Sibt fis-7.30p.m. Oltre dan, is-sentenza in kwistjoni ordnat ukoll illi waqt il-btajjel tax-xitwa tat-tfal, l-access tal-intimat ta’ matul il-gimgha ghandu jizdied mill-10.00a.m. sas-7.30p.m., filwaqt illi waqt il-btajjel tas-sajf, l-access ghandu jigi estiz, sew fost il-gimgha u sewwa sew fit- tmien il-gimgha, sad-9.00p.m. Kopja legali ta’ din is-sentenza flimkien ma’ dikjarazzjoni ufficjali illi l-istess sentenza hija finali u definittiva, qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. Km 3 u

Km 4.

6. Illi inoltre, l-imsemmija sentenza ordnat ukoll illi l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma jista' jsiefer lill-minuri hlief bil-kunsens bil-miktub tal-parti l-ohra jew bl-awtorizazzjoni tal-Qorti.
7. Illi jirrizulta illi d-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-imsemmija sentenza kienet motivata espressament mis-segwenti kunsiderazzjonijiet:- *"defendant's interest in the children is manifest, and has been confirmed by plaintiff in her testimony when she stated that 'when he is in Malta, the children are with him most of the time.' 14; this fact weakens the probative effect of the psychiatrist observations. Also, the court considers it to be in the best interests of the children that their relationship with their father be allowed to continue to thrive into a healthier and more stable relationship; whilst granting defendant a more active and responsible role in the welfare of the children."* Gie deciz ukoll illi "…. Defendant is being given the right to communicate daily with his children, via phone and email, whilst he is abroad."
8. Illi b'danakollu, fejn qabel ma nghatat l-imsemmija Sentenza l-intimat kien jigi Malta regolarment bejn wiehed u iehor darba kull sitt gimghat, skond l-esigenzi tax-xoghol tieghu, wara li nghatat is-sentenza in kwistjoni, huwa ma baqax jigi Malta u fil-fatt ilu ma jigi Malta, ahseb u ara jara lil uliedu, ghal iktar minn sentejn, tant illi l-ahhar darba li gie hawn Malta kien lejn l-ahhar ta' l-2011.
9. Illi ghalhekk l-access akkordat lill-intimat fis-sentenza in kwistjoni qatt ma gie effettivament, ezercitat mill-intimat, u dan fuq ghazla tieghu stess. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma nghatat l-ebda informazzjoni u ma' tafx l-indirizz tal-intimat fl-esteru u lanqas ma ghandha xi indirizz tal-posta elettronika tieghu, filwaqt l-intimat lanqas ghadu jikkomunika ma' uliedu telefonikament hlief ghal xi telefonati sporadici fis-sighat tard ta' bil-lejl jew sighat ta' bikrin ta' fil-ghodu fejn l-interess principali tieghu huwa li jabbuza verbalment lir-rikorrenti u mhux illi juri xi interess partikolari f'uliedu. Oltre dan, l-intimat lanqas qatt hallas il-manteniment ghall-bzonnijiet ta' uliedu minuri hekk kif kien gie ordnat li jhallas in virtu` tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2012 fl-ammont ta' tliet mitt Euro (€300) fil-gimgha.
10. Illi konsegwentement, bic-cirkostanzi li zvolgew u l-istat ta' fatt illi gie stabbilit wara li nghatat is-Sentenza tat-23 ta' Frar 2013, jirrizulta car illi l-intimat abdika totalment mir-responsabbilitajiet tieghu versu uliedu, u illi d-decizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta biex tafda l-kura u kustodja

konguntiva lit-tfal minuri tal-partijiet anke f'idejn l-intimat, u biex taghtih access daqstant ampju kif ukoll l-awtorita` illi jiddeciedi meta u kif il-minuri jistghu jsiefru ma' ommhom ir-rikorrenti, ghalkemm kienet decizjoni li saret biex thares il-gid tal-minuri u bil-hsieb li l-intimat ikollu rwol attiv fil-hajja ta' wliedu u tippermetti li r-relazzjoni ta' bejniethom timmatura u tistabilizza ruhha, ma gietx apprezzata mill-intimat u l-hsieb wara din is-sentenza ma giex realizzat fil-parattika.

11. Illi effettivament, il-konsegwenza ta' dan in-nuqqas manifest u palezi tal-intimat illi, wara li nghatat is-sentenza tat-23 ta' Frar 2012, juri kwalsiasi forma ta' interess f'uliedu, inkluz in-nuqqas tieghu illi jibqa' jikkomunika maghhom u illi jezercita access ghalihom, u illi jipprovdi ghall-manteniment taghhom, hija illi r-rikorrenti omm il-minuri tinsab marbuta fl-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedha, lejn l-intimat u kwindi soggetta, fit-trobbija ta' uliedha, ghall-awtorita` tal-intimat fid-decizjonijiet kollha, inkluza d-decizzjoni jekk tistax issiefer minn Malta ma' uliedha, liema safar huwa impossibli fic-cirkostanzi anke stante l-fatt illi ma tezisti l-ebda komunikazzjoni bejn il-partijiet oltre illi l-intimat ma jipprovdi l-ebda dettalji dwar l-indirizz jew posta elettronika tieghu, u certament fi kwalsiasi kas huwa mhux ser jagevola lill-esponenti.

12. Illi minhabba dan l-istat ta' fatt u cirkostanzi godda, l-ordnijiet relattivi moghtija fis-sentenza tat-23 ta' Frar 2012 ghalkemm moghtija biex iharsu l-ahjar interess tal-minuri, illum ma jistghux iktar jitqiesu bhala tali wara illi l-intimat, bl-agir tieghu f'dawn l-ahhar sentejn li xejn ma jawgura ghall-ahjar interessi tal-istess minuri, ma baqax juri interess f'uliedu, u dana skond ma ser jirrzulta matul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

13. Illi in vista ta' dawn ic-cirkostanzi godda, l-esponenti temmen illi jkun fl-ahjar interessi tal-minuri illi jigu varjati l-kundizzjonijiet dwar il-kura, kustodja u access tal-istess minuri kif decizi fis-sentenza tat-23 ta' Frar 2012, b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri M u N ahwa S tigi fdata unikament lil ommhom l-esponenti, illi maghha l-minuri ghandhom jibqghu jirrisjedu, bid-dritt ta' access kif iffissat a favur tal-intimat tenut in kont ic-cirkostanzi godda ta' dan il-kaz. Inoltre jkun jehtieg illi jigu varjati l-provvedimenti kontenuti fl-imsemmija sentenza dwar is-safar tal-minuri sabiex dawn jirriflettu s-sitwazzjoni l-gdida f'kaz illi t-talbiet attrici dwar kura u kustodja tal-minuri, jigu milqugha, cioe` illi l-esponenti tkun tista' ssiefer bil-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens bil-miktub tal-intimat.

14. Illi saru proceduri ta' Medjazzjoni (Ittra Numru 217/2013) u

permezz ta' Digriet moghti fl-14 ta' Frar 2013 li jgib in-Numru 388/2013, u permezz ta' Digriet iehor datat 10 ta' April 2013 li jgib in-Numru 794/13 (kopji annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. KM 5 u KM 6), l-esponenti giet awtorizzata illi tipprocedi b'din l-istanza.

15. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma lkoll a diretta konoxxenza tal-esponenti.

## B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

Ghalhekk l-esponenti qieghda taghmel din il-kawza sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, tvarja l-provvedimenti tas-sentenza moghtija minn dina l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar 2012, fl-ismijiet A B pro et nomine vs Avv. Martin Fenech et nomine (Rikors Guramentat Numru 170/2008) kull fejn dawn jirrigwardaw il-kura u kustodja, access u safar tal-minuri M u Nn ahwa S, u dana fl-ahjar interess tal-minuri.

## C. TALBIET ATTRICI

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Previa n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, fosthom Avukat tat-tfal u/jew psikologu, fl-ahjar interess tal-minuri M u N S, tvarja s-Sentenza moghtija minn dina l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar 2012, fl-ismijiet A B pro et nomine vs Avv. Martin Fenech et nomine (Rikors Guramentat Numru 170/2008) (Dok. KM 5), billi:
   i. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri M u N ahwa S esklussivament f'idejn ommhom ir-rikorrenti;
   ii. Tvarja l-modalitajiet tal-access akkordat lill-intimat permezz tal-imsemmija sentenza, biex dawn jirriflettu l-bdil fic-cirkostanzi tar-relazzjoni bejn l-intimat u uliedu; u
   iii. Tipprovdi illi filwaqt illi r-rikorrenti tista' ssiefer bil-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens bil-miktub tal-intimat, l-intimat jibqa' prekluz milli jaghmel dan minghajr il-kunsens bil-miktub tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-proceduri ta' Medjazzjoni bejn il-partijiet, kontra l-intimat li jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li in forza taghha huma eccepew :

Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif l-attrici – li jidher li m'ghandhiex l-awtorizazzjoni tmexxi f'isem iz-zewg uliedha minuri almenu ghalissa – tghaddilhom kull taghrif li ghandha halli jippruvaw jaqbdu ma' KS huma jaghmlu hilithom kollha ghal dan il-ghan; ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar 'il quddiem.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-tibdil fir-rigward tal-kura u l-kustojda tal-minuri M u N, fejn min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li ghandha tkun hi stess li tigi fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri, filwaqt li l-access favur l-intimat skond sentenza ta' din l-istess Qorti tat-23 ta' Frar 2012 ghandu jigi varjat. Ir-rikorrenti qed titlob ukoll li tkun awtorizzata ssiefer bil-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens bil-miktub tal-intimat.

**<u>Verzjoni tar-rikorrenti</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1], r-rikorrenti tiddikjara li l-minuri twieldu minn relazzjoni li kellha mal-intimat assenti. Tghid li ghalkemm huma barranin, precizament mill-Ingilterra u *Wales,* ma riedux li wliedhom jitrabbew hemm u ghalhekk gew Malta b'dan li l-intimat assenti zamm l-impjieg tieghu barra minn Malta u beda gej u sejjer fuq medja ta' kull sitt gimghat ghal ftit jiem. Meta r-relazzjoni taghhom intemmet, l-intimat assenti baqa' jzomm l-istess rutina u cioe' li jigi Malta kull 6 gimghat u jdum hawnhekk ghal ftit jiem. Tghid li peress li l-intimat ma baqax ihallas il-pagamenti mensili fuq id-dar li kien xtara gewwa Marsaskala, kellha tohrog minn din l-istess dar flimkien ma' wliedha u marret tghix mal-genituri taghha li wkoll li kienu gew jghixu hawn Malta. Tghid li Malta issa hija darha b'dan li l-minuri stabbilew ruhhom sew hawn. Min-naha l-ohra l-intimat m'ghandux indirizz fiss u dejjem isiefer f'pajjizi differenti, l-aktar l-Olanda, Portsmouth, Kent jew Wales u minhabba l-fatt li l-intimat isiefer hafna tghid li l-intimat mhux idonju sabiex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri. Wara li tispjega l-kontenut tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2012, fi ftit kliem izzid tghid li sa' mill-ahhar tas-sena 2011, il-visti tal-intimat f'Malta bdew isiru dejjem anqas regolari sakemm fl-ahhar waqfu kompletament. Tiddikjara li l-minuri ilhom ma jaraw lil missierhom ghal aktar minn sena u nofs b'dan li t-telefonati waqfu wkoll ftit xhur wara s-sentenza msemmija. Apparti li l-intimat assenti abbanduna l-minuri ghal kollox issa, m'huwiex qieghed ihallas il-manteniment dovut ukoll, b'hekk anke l-piz finanzjarju tal-istess ulied waqa' wkoll fuqha. L-agir tal-intimat

[1] Esebit a fol 82 tal-process

assenti (principalment ghaliex jagixxi b'mod irresponsabbli, jigi Malta minghajr avviz, jew jonqos milli jidher, it-twaqqif tal-komunikazzjoni maghhom) kellu ir-riperkussjonijiet tieghu fuq l-ulied u ghalhekk ir-rikorrenti tibza' li jekk l-intimat jerga' jigi Malta, jippretendi li jezercita d-dritt tieghu ta' access skond is-sentenza msemmija b'detriment emozzjonali ghall-istess ulied li issa fehemu li x'aktarx missierhom mhux ser jerga' jirritorna lura Malta. Wisq tibza' li f'kaz li l-intimat jigi lura, dan ikollu riperkussjonijiet hziena fuq l-istess ulied *stante* li missierhom abdika mir-responsabbilitajiet ta' missier u abbandunhom kompletament. Tispjega wkoll li l-kura u l-kustodja kongunta (kif giet deciza precedentement permezz tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2012) kienet giet deciza b'dak il-mod ghaliex l-intimat kien ghadu prezenti fil-hajja tal-ulied.

Ir-rikorrenti tispjega wkoll li minhabba s-sentenza msemmija, l-minuri huma prekluzi milli jsiefru ghaliex m'ghandhiex mezz ta' kif tikkomunika mal-istess intimat assenti biex jaghti l-kunsens tieghu ghas-safar, ghalkemm tikkontendi li fil-verita' l-intimat zgur li kieku ma jaghtix tali kunsens. Taghlaq billi tghid li minhabba l-bdil fic-cirkustanzi wara s-sentenza ta' Frar 2012 huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata f'idejha b'mod esklussiv, b'dan li l-access favur l-intimat jigi emendat fid-dawl tal-fatt li ilu ma jara jew jikkomunika ma' wliedu ghal zmien twil. Tghid li l-minuri ghandhom ikollhom il-possibilita' li jsiefru ma' ommhom minghajr il-kunsens ta' missierhom, b'dan li missierhom m'ghandux isiefer mal-istess ulied minghajr il-kunsens espress u bil-miktub ta' ommhom peress li ma jistax jigi fdat u peress li m'ghandux indirizz fiss u jghix barra minn Malta.

Illi il-Qorti mill-ewwel tirrileva li hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat *stante* li huwa assenti mill-gzejjer Maltin filwaqt li l-kuraturi deputati li jirrapprezentawh fil-kawza odjerna m'humiex dedotti mill-fatti. *Nonostante* dan, u *nonostante* l-fatt li din il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni tal-fatti hekk kif dedotti mir-rikorrenti, kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**Il-Provi Migbura**

Il-partijiet fl-ismijiet premessi kellhom relazzjoni u frott tal-istess, nhar l-4 ta' Dicembru 2003 twieldet il-minuri M[2] filwaqt li nhar it-23 ta' Diċembru 2005 twieldet il-minuri N .

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar it-23 ta' Frar 2012 (Rikors Guramentat Numru 170/2008)[3] u li permezz taghha l-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn iz-zewg genituri, b'dan li r-residenza ordinarja taghhom tkun mar-rikorrenti ommhom b'access dettaljat favur l-intimat. Permezz tal-istess sentenza gie dikjarat ukoll li l-minuri m'ghandhomx isiefru barra minn Malta hlief bil-kunsens bil-miktub taz-zewg partijiet jew bl-awtorizazzjoni tal-Qorti.

Issir referenza ghax-xiehda ta' Julie B[4], omm ir-rikorrenti li tikkonferma kif l-intimat kien jigi Malta kull ftit gimghat meta l-koppja ddecidew li jistabbilixxu ruhhom hawn Malta. Tikkonferma li kif ir-relazzjoni ta' bintha mal-intimat assenti ddeterjorat, bintha marret tghix maghha flimkien mal-ulied b'dan li l-istess rikorrenti u wliedha ghadhom jghixu ghandha sal-gurnata tal-lum. Tghid li fis-sena 2008, l-intimat beda jibghat manteniment ta' madwar mitejn u mitejn u hamsin Sterlina fil-gimgha, pero' maz-zmien l-ammont beda jonqos sakemm eventwalment waqaf ghal kollox bir-rizultat li kellha tkun hi u zewgha li jghinu lir-rikorrenti tkampa mal-bzonnijiet tal-minuri. Tispjega kif bintha fethet l-ewwel proceduri relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri kontra l-intimat assenti u kif bintha kellha taghmel numru ta' rapporti mal-Pulizija minhabba n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

---

[2] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit a fol 15 tal-process

[3] Liema sentenza hija esebita a fol 19 tal-process

[4] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 86 tal-process

Izzid tghid ukoll li ilha ma jkollha kuntatt mal-intimat assenti ghal diversi snin, sa' minn mindu kien verbalment abbusiv f'darha u kien mitlub jitlaq. Tghid li din ma kienitx l-ewwel darba li agixxa b'dan il-mod ghaliex kien abbuza verbalment u fizikament minn bintha f'diversi okkazjonijiet minhabba l-burdati li kien ibati bihom apparti t-theddid li kien jaghmel permezz tal-*mobile*. Tikkonferma wkoll li ilu ma jara lil uliedu sa' mis-sena 2011 b'dan li rarament icemplilhom. Meta rarament icempel, jaghmel dan matul il-lejl u jispicca jghajjar lir-rikorrenti b'dan li tilef kull interess li qatt' seta' kellu fl-istess minuri. Tikkonferma li wara s-sentenza tas-sena 2012 l-intimat assenti qatt ma ezercita d-dritt tieghu ta' access ghal uliedu u qatt ma hallas manteniment lanqas skond l-istess sentenza. Tkun ix-xhud li flimkien ma' zewgha jghinu lir-rikorrenti fit-trobbija tal-ulied. Taghlaq billi tghid li f'dawn l-ahhar sentejn, l-intimat assenti wera li huwa inkapaci li jiehu hsieb lil uliedu jew ma jriedx jiehu hsiebhom u ghalhekk hemm bzonn li s-sentenza tas-sena 2012 tigi emendata sabiex tirrifletti s-sitwazzjoni prezenti.

## Dwar il-Kura u l-Kustodja

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[5] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[6] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[7] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

Il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax ma taghtix kredibilita' lir-rikorrenti li turi kemm verament qieghda tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod possibbli u

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947

[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

dan anke bl-ghajnuna tal-genituri taghha li jghixu hawn Malta. Il-fatt li l-intimat ilu ma jaghmel xi kuntatt ma’ wliedu (li dejjem zammew l-istess indirizz u cioe’ fir-residenza tan-nanna materna taghhom) iwassal lil din il-Qorti sabiex minghajr ebda forma ta’ dubju tiddeciedi li verament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata b’mod esklussiv f’idejn ir-rikorrenti, anke minhabba l-abbandun totali tal-istess intimat assenti. Dan ifisser li ghandha tkun l-istess rikorrenti li b’mod esklussiv tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta car li l-intimat mhux fil-hajja tal-istess minuri. Il-Qorti thoss ukoll li dan huwa fl-ahjar interessi tal-minuri, wkoll sabiex jigi kawtelat xi forma ta’ kontroll jew attentat sabiex jittiehdu l-minuri barra minn Malta mill-intimat minghajr il-kunsens tal-istess rikorrenti, ghalkemm jidher li l-kuntatt bejn il-missier u l-ulied twaqqaf b’mod komplet.

**<u>Dwar l-access</u>**

Il-Qorti tirrileva li prezentement m’hemm ebda forma ta’ access li qieghed jigi ezercitat mill-intimat minkejja l-access ampju li inghata l-istess intimat permezz tas-sentenza tas-sena 2012 msemmija aktar ‘il fuq. Huwa minnu li l-intimat assenti jghix barra minn Malta pero’ l-fatt li ma sar ebda kuntatt ghal zmien twil juri li l-intimat assenti tilef l-interess fi wliedu ghaliex lanqas kuntatt telefoniku regolari ma jzomm. Ta’ min wiehed jinnota li llum il-gurnata fejn il-mezzi ta’ komunikazzjoni huma vasti, l-istess intimat lanqas biss ipprova jaghmel xi forma ta’ kuntatt ma’ wliedu u dan juri nuqqas ta’ interess kbir fihom, kif juri wkoll il-fatt li l-istess intimat qieghed jonqos milli jhallas manteniment xieraq ghal uliedu. Ghalhekk fic-cirkustanzi, l-Qorti thoss u tirrileva li jekk l-istess missier juri x-xewqa li jara lil uliedu, dan ghandu jsir, pero’ taht parametri li jissalvagwardjaw l-interessi tal-minuri, specjalment in vista tal-fatt li l-kuntatt huwa skars. Barra minn hekk, il-minuri ghaddew minn perjodu ikrah meta kellhom jaccettaw li missierhom bhal donnu sparixxa minn hajjithom u ghalhekk il-Qorti thoss li jkun opportun li l-access li jezercita l-intimat ikun wiehed supervizjonat mill-Agenzija Appogg jew minn xi *social worker* inkarigata mir-rikorrenti omm sabiex l-interessi tal-minuri

jigu salvagwardati. Dan pero’ ghandu jsir wara li jigi evalwat jekk il-minuri jkunux ser jigu affetwati b’mod negattiv minn tali access. Ghalhekk qabel ma jigi ezercitat l-access favur l-intimat, ghandu jkun hemm rakkomandazzjoni bil-miktub minn *social worker* jew persuna professjonali li fl-opinjoni professjonali taghha, l-minuri mhux ser ikunu affetwati b’mod negattiv minn tali access, li jkun ifisser li jkun fl-ahjar interessi taghhom li tali access ma jsehhx, jew li jittiehdu konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar kif tali access ghandu jsehh.

**<u>Dwar is-safar</u>**

Jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti ilha tghix hawn Malta ghal numru ta’ snin b’dan li giet stabbilita rutina. L-fatt li l-genituri taghha jghixu hawn Malta huwa wkoll fattur li juri li l-istess rikorrenti m’ghandha ebda intenzjoni li tahrab mal-ulied. Huwa minnu li f’cirkustanzi idejali, z-zewg genituri ghandhom ikunu prezenti fil-hajja tal-ulied u li jaghtu l-kontribuzzjoni taghhom f’hajjithom, pero’ dan mhux dejjem hu possibbli. Jidher li l-minuri prezentement qed jigu mcahhda mill-possibilita’ li jsiefru ma’ ommhom (b’mod temporanju) peress li missierhom m’huwiex disponibbli sabiex jiffirma l-passaport relattiv taghhom. Il-Qorti thoss li m’huwiex fl-ahjar interessi tal-minuri li jibqghu jigu mcahhda mis-safar minhabba n-nuqqas ta’ prezenza ta’ missierhom f’hajjithom. Il-Qorti hija konvinta li r-rikorrenti ghandha ghal qalbha l-ahjar interessi tal-minuri u li m’hemm ebda biza’ li l-istess minuri ser jisparixxu minn dan il-pajjiz b’mod indefinit. Ghalhekk fic-cirkustanzi ma tarax ghala l-ulied m’ghandhomx jibbenefikaw minn safar mar-rikorrenti ommhom.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba fl-*intier* taghha u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri M u N f’idejn ir-rikorrenti ommhom;

2. Tilqa’ t-tieni talba billi fl-ewwel lok tordna li ghandu jkun hemm rapport bil-miktub dwar x’ikunu l-konsegwenzi fuq il-minuri jekk ikun hemm access favur l-intimat, b’dan li jekk ikun hemm rapport favorevoli, tali access ghandu xorta wahda jsir taht supervizjoni kif spjegat taht il-paragrafu ‘Dwar l-Access’ u tali access ghandu jsir dejjem fil-gzejjer Maltin jew fil-pajjiz tar-residenza tal-omm;

3. Tilqa’ t-tielet talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimat hekk kif mitluba, b’dan li provizorjament l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------